Immedjatament qabel ma l-laqgha generali tirtira u tghaddi ghall-elezzjoni tal-kunsill il-kunsill li jkun qed jirtira ghandu jinnomina zewg individwi mhux membri tal-federazzjoni prezenti jew li jkunu hergin ghall-elezzjoni generali li jmiss biex jaghmluha ta' election president u election secretary liema nominazzjonijiet iridu jkunu appruvati minn ghallinqas 51% tal-klabbs membri tal-federazzjoni.

## 4.14 DOVERI TA’ L-UFFICJALI TA’ L-ELEZZJONI

4.14a )Id-doveri ta’ l-ufficjali huma li jorganizzaw u jissorveljaw l-elezzjoni tal-membri tal-kunsill u jizguraw elezzjoni gusta u hielsa kemm jista jkun. Fil-materji kollha li ghandhom x’jaqsmu ma’ l-elezzjonijiet mhux regolati bl-istatut u r-regolamenti tal-federazzjoni id-decizjoni taghhom ghandha titqies finali.

4.14b ) Kull membru li johrog ghall-kunsill tal-federazzjoni ghandu jahtar observer biex jiehu hsieb l-interessi tieghu waqt il-process kollu ta’ l-elezzjoni.Dan l-observer ghandu jigi approvat mill-ufficjali li jkunu ha jmexxu l-elezzjoni.

## 4.15 MINUTI TAL-LAQGHAT

Ghandhom jitnizzlu l-minuti propji tar-rizoluzzjonijiet u procedimenti kollha tal-laqghat generali tal-federazzjoniu kull minuta ghandha tigi iffirmata mic-chairman tal-laqgha li fiha jkun ha sehem ic-chairman u fiha ghandu jkun hemm bizzejjed dettalji ta’ l-affarijiet diskussi u approvati. Is-segretarju ghandu jiccirkola kopja certifikata tar-rizoluzzjonijiet kollha approvati lil klabbs membri sa mhux aktar tard minn 30 jum wara li dawn ikunu appruvati.

# KAPITLU 5

## PROCEDURI TA’ DIXXIPLINA

### 5.01 KUMITATI TA’ INVESTIGAZZJONI U DIXXIPLINA

Il-kunsill ghandu jahtar wiehed jew aktar ta’:

a) Kumitati ta’ investigazzjoni li kull wiehed jikkonsisti f’mhux anqas minn tlett persuni.
b) Kumitat ta’ dixxiplina li kull wiehed jikkonsisti f’mhux anqas minn tlett persuni.
c) L-ebda persuna ma tista sservi fl-istess hin fuq iz-zewg boardijiet fl-istess hin li jkun qed jidher l-istess kaz.

### 5.02 KUNSILL BIEX JIBDA JIEHU PASSI DIXXIPLINARI

Il-kunsill ghandu jibda procedimenti kontra kull membru tal-federazzjoni:

a) Meta jircevi xi lment bil-miktub minghand xi klabbjew persuna kemm jekk inhu membru tal-federazzjoni jew le.
b) Meta jkun jaf b’xi materji li fl-opinjoni tieghu jistghu jwasslu lil xi klabb membru jew xi membru ghal passi dixxiplinarji.
c) Kull ilment li jasal jew jinbeda mill-kunsill skond ir-regolamenti imfissra hawn fuq ghandu mill-ewwel jitqed quddiem il-kumitat ta’ l-investigazzjoni.

### 5.03 DMIRIJIET TAL-KUMITAT TA; INVESTIGAZZJONI

Il-kumitat ta’ l-investigazzjoni ghandu jikkunsidra l-fatti jew l-ilmenti li jingiebu qudduemu skond il-provedimenti tar-regolament ta’ qabel dan.Il-kumitat ta’ investigazzjoni m’ghandux ikompli jisma l-kaz meta jikkonsidra li l-ebda xiehda prima facie ma tezisti u decizjoni bhal din ghandha tkn finali u mgharrfa lil kunsill. Fejn jezisti kaz prima facie , il-kunsill ghandu jigi nfurmat b;dan il-mod u l-kaz jigi riferut mill-kunsill lil –kumitat tad-dixxiplina.

### 5.04 DOVERI TAL-KUMITAT TA’ DIXXIPLINA

Il-kumitat ta’ dixxiplina wara li jircevi lmet formali, skond ir-regolamenti ta’ qabel ghandu mill-ewwel jaghti avviz lil membru koncernat bil-hsieb tieghu biex jikkonsidra l’ilment u ghandu jaghti l-opportunita u li jidher b’membru tal-federazzjoni mieghu. Il-kumitat ta’ l-investigazzjoni jista jitlob wiehed mill-membri tieghu biex isahhah l-ilment quddiem il-kumitat tad-dixxiplina.

## 5.05 POTERI TAL-KUMITAT TA' DIXXIPLINA

Jekk il-kumitat tad-dixxiplina ikun tal-fehma li l-ilment ga gie pruvat ghandu jaghmel stqarrija f'dak is-sens u ghalhekk ikollu l-poteri shah biex jordna li l-membru koncernat jigi eskluz mis-shubija, jew sospiz , jew immultat, jew imcanfar u d-decizjoni mehuda jkollha sehh soggett ghad-dritt tal-membruli jappella kif jinstab f'dawn ir-regolamenti. Decizjonijiet bhal dawn ghandhom jigu rraportati mill-ewwel lil-kunsill.

## 5.06 DECIZJONIJIET U APPELLI MILL-KUMITAT TA' DIXXIPLINA

Il-kunsill ghandu jinforma lil membru koncernat bid-decizjonijiettal-kumitat tad-dixxiplina. Fil-kaz il-membru li jkun instab hati ta' offiza l-kunsill ghandu jinforma lil dan il-membru bid-dritt tieghu ta' appell.Dan l-appell ghandu jsir mill-membru koncernat fi zmien tletin gurnata mid-data li jkun avzat bil-miktub mill-kunsill. Lappell ghandu jigi akkumpanjat bi hlas ta 20 Euro.

## 5.07 KUMITAT TA' L-APPELLI

Il-kunsill ghandu kemm jista jkun prattikabbli wara li jircevi avviz bhal dan ta' l-appell iwaqqaf kumitat ta' l-appell li ghandu jikkonsisti minn hames membri tal-kunsill, bil-patt li l-ebda membru tal-kumitat ta' l-investigazzjoni jew dixxiplinali jkun sema jew ikkunsidra l-kaz ma jista jkun eliggibli ghal-hatra fuq il-board ta' l-appell.

## 5.08 POTERI U DOVERI TAL-KUMITAT TA' L-APPELLI

Il-kumitat ta' l-appelli ghandu jiddetermina l-appell wara li jikkonsidra l-grajjiet tax-xieha moghotija qabel u d-dokumenti migjuba lill-kunsill ta' Dixxiplina, izda ghandu jkollu setghat kollha ta diskrezzjoni biex jisma mill-gdid kull xiehda migjuba quddiem il-kumitat tad-dixxiplina jew li jircevi xiehda mill-gdid fuq ragunijiet specjali. Il-kumitat ta' l-appell ghandu jaghti lill-membru koncernat l-opportunita li jistema quddiemu u ghandu , jekk hu jixtieq hekk li tippermettilu li jkun rapprezentat quddiem il-kumitat b'membru tal-kunsill jew tal-federazzjoni. Il-kumitat ta' l-investigazzjoni jista jista jitlob wiehed mill-membri tieghu biex jsahhah id-decizjoni tal-kumitat tad-dixxiplina. Ilkumitat ta' l-appell ghandu jkollu l-poteri biex jafferma, jibdel jew ihassar il-verdetti u decizjonijiet tal-kumitat tad-dixxiplinau d-decizjoni tieghu ghandha tibda ssehh minnufih. Decizjonijiet bhal dawn ghandhom jigu rraportati mill-ewwel lil-kunsill.

**5.09 PUBLIKAZZJONI TA' VERDETTI U DECIZJONIJIET**

Fejn il-kumitat tad-dixxiplina jsib illi lment formali gie pruvat, il-kunsill ghandu jgieghel li jkun publikat b'certu mod li wiehed ghandu jahseb li tkun xieraq ghal verdett u d-decizjonijiet tal-kumitat tad-dixxiplina, kemm il-darba illi l-publikazzjoni bhal din m'ghandiex issir qabel hamsa u erbghin jum wara d-data li fiha jkun avzat il-membru bid-decizjoni tal-kumitat tad-dixxiplina u fejn il-membru partikolari jkun ilu tletin jumli appella lil kunsill m'ghandiex issir pubblikazzjoni bhal din, izda jekk f'xi kaz bhal din il-kumitat ta'l-appell jafferma l-verdett tal-kumitat tad-dixxiplina illi l-ilmet gie ippruvat , il-kunsill igieghel li jigi pubblikat b'certu mod li jahseb li hu xieraq ghal dan il-verdettu d-decizjonijiet tal-kumitat ta' l-appell kmieni kemm jista jkun wara l-verdetti u decizjonijiet bhal dawn ikunu pronunzjati. Meta l-kumitat ta' l-appell jsib li l-ilment formali ma giex ippruvat jew fejn fuq appell il-kumitat ta' l-appell jsibu l-istess, il-kunsill jista jaghmel publikazzjoni bhal din ( jekk ikun hemm) skond ic-cirkostanzital-kaz jikkunsidrawh mixtieq.

**5.10 SETGHA BIEX JAGHMEL REGOLAMENTI**

Il-kunsill irid ikollu s-setgha li jaghmel regoli u regolamenti bhal dawn (mhux inkonsistenti ma' l-istatut jew dawn ir-regolamenti) kif jistghu kunsidrati necessarji ghat-twettiq ghax-xoghol tal-kumitat ta' l-investigazzjoni, dixxiplina u appelli.

# KAPITLU 6

## VERIFIKA

### 6.01 HATRA TA AWDITUR

Il-kunsill ghandu jahtar awditur professjonali biex kull sena jipprezenta audited accounts tal-federazzjoni fuq il-bazi tax-xoghol lijkun ghamel il-kaxxier tal-federazzjoni ghal dik is-sena partikolari.

# KAPITLU 7

## XOLJIMENT

### 7.01 LIKWIDAZZJONI TA’ TQASSIM TA’ ASSI

Il-federazzjoni tibqa tezisti sakemm ikun hemm ta’ l-anqas zewg klabbs membri li jkollhom ghallinqas 50 membru kull wiehed. Jekk il-federazzjoni jkollha ixxolji l-ahhar awditur imqabbad mill-kunsill jinhatar biex jaghmilha ta stralcarju taghha li ghandu jqassam fost il-membri individwali fil-klabbs membri aggornati fil-hlas lejn il-federazzjoni ghal ta’ la-nqas tlett snin fi flus kontanti u f’oggetti l-assi kollha jew xi parti tal-federazzjoni(kemm jekk ikunu jikkonsistu fi propjeta ta’ l-istess xorta jew le ) u jista ghal dan l-iskop jivvaluta ki jahseb li hu xieraq fuq kull propjetali ghandha tinqasam kif imsemmija fuq u jista jiddeterminakif qsim bhal dan ghandu jsir bejn il-membri, bil-patt illi l-ebda membru ma jkun imgieghel li jaccetta xi propjeta li fuqha jkun hemm djun.

**FEDERATION OF RACING PIGEON CLUBS**
**OLD RAILWAY AVENUE**
**HAMRUN**
**TEL : 21230111**
**FAX: 21223466**

# REGOLAMENTI TAT-TIGRIJIET

## 1.0 PROGRAMM TAT-TIGRIJIET

1.01 Il-programm jrid ikun ta 27 tigrija .
Dawn ghandhom jtqassmu hekk:
14 minn Belvedere/Pozzallo
6 minn Messina/Reggio Calabaria
3 minn Catatanzaro/Santa Eufemia
2 minn Metapunto/Taranto
1 minn Bari/Brindisi
1 minn Manfredonia/Foggia/San Severo

## 2.00 HLAS

2.01 Il-hlas tal-hamiem ghal kull tigrija jigi deciz mill board tal-federazzjoni biex jkopri l-ispejjes tat-tigrija

## 3.00 FEDERATION NUMBER

3.01 Kull membru jinghata numru tal-federazzjoni li jinkludi l-code tal-klabb u n-numru tal-loft ez 01-45. Dan il-code ghandu jintuza fir-rizultati kollha u fil-korrispondenzi kollha tal-federazzjoni.

## 4.00 HIN TAT-TLIELAQ

4.01)It-tigrijiet tal-long distance jaghlqu sal-hin tal-faqqatura ta'l-ahhar gurnata ta' kwalifika. Dawk tax-short distance sa dak in=nhar li jintelaq il-hamiem

## 5.00 FTUH TAL-HAMIEM

5.01 Pozzallo/Belevedere Il-hamiem jista jinfetah 4 sieghat wara t-tluq
Messina/Reggio Calabria Il-hamiem jista jinfetah 6 sieghat wara t-tluq
Catanzaro l-fuq il-hamiem jista jinfetah l-ghada li taghlaq it-tigrija

## 6.00 CRIEKET

Hamiem imlibbes crieket li gew imqassma mill-federazzjoni biss jistghu jigu ibbaskitjati ghat-tigrija

## 7.00 BIRD LIMIT

7.01) Kull membru jista jibbaskettja ghaxar hamiemiet ghal kull tigrija.

7.02) It-toss isir b'limit ta 12 il-hamiema kull dilettant biex ikun moqdi kulhadd

## 8.00 KWALIFIKI

8.01)Hamiema misjuqa minn Pozzallo jistgha jinstaq sa mhux aktar minn Catanzaro/Santa Eufemia .

8.02) Hamiema misjuqa minn Messina/Reggio Calabria jinstaq jinstaq sa Manfredonia/Foggia.

8.03) Hamiema misjuqa minn Pozzallo is-sena ta qabel tista tinstaq Messina/Reggio Calabria minghajr ebda kwalifika ohra.

8.04) Hamiema misjuqa min Messina/Reggio s-sena ta' qabel jista jiehu sehem f'tigrija minn Metapunto, basta ikun instaq tal-anqas min Belvedere fl-istagun.

8.05) Hamiem li jkun misjuq minn Bari is-season ta' qabel u jkollu Belvedere fis-season kurrenti jista jinstaq sa Bari. Hamiem li jkollu Manfredonia is-season ta' qabel u Belvedere fis-season kurrenti jista jinstaq minn kwalunkwe racepoint.

## 9.00 RESPONSABILITA

9.01 Il-klabbs huma responsabbli li l-hamiem ibbaskikettjat minnhom ikollhom il-kwalifika mehtiega.

## 10.00 BASKETTING

10.01 Il-baskettingtal-hamiem isir normalment fil-klabbs jew f'xi lok iehor li l-federaazzjoni thoss li ghandha taghzel minn zmiem ghal zmien skond ic-cirkostanzi

10.02) Kull membru jista jibbasketja l-hamiem tieghu stess taht is-sorveljanza ta' xi membru tal-kumitat anke ghal dawk il-membri li ghandhom arloggi elettronici.

## 11.00 ARLOGGI

11.1) Kull arlogg irid ikun ghadda minn Three Way Test . Dan irid isir sa xahar qabel ma jibdew it-tigrijiet . Id-dials u rolls li fuqhom irid jkun hemm isem il-membru , fed no. data u hinijiet tat-tests imsemmija u dawn ghandhom jinbaghtu l-federazzjoni qabel ma jibdew it-tigrijiet. Dawn it-test isiru BISS ghal mechanical clocks u mhux ghal quartz.L-arloggi ghandhom ikunu f'kull hin bic-comb imwahhal mieghu anke barra l-istagun kompetitiv.

11.2)Kull arlogg ghandu jigi ssetjat il-klabb. Dan ghandu jigi ffirmat minn clock setter tal-klabb. Id-dial / roll ghandu jigi ffirmat mill-clock setter tal-klabb u ghandu jigi ttimbrat bit-timbru tal-klabb u jkollu n-numru tal-klabb u l-isem tar-racepoint.

11.3) Wara dawn it-tests kull arlogg ghandu jigi ssigillat jibqa hekk min tigrija ghall-ohra. Fl-ahhar tijgrija ta' l-istagun l-arloggi ghandhom jigu ssigillati b'comba u jinfethu biex jinghatawlhom il-habel gol-klabb fejn imbaghad terga ssirilhom comba ohra .

11.4) Kull arlogg li jinfetah biex isir qari tal-hamiem li jkun gie ippancjat ghandu jigi ssigillat minn membri tal-kumitat. Hija responsabilita tal-membru li jara li l-arlogg tieghu gie issigillat qabel ma jiehu l-arlogg lura d-dar.

11.5) Kull arogg ghandu jinghata s-setting shih qabel it-tigrija

11.6) Pancjaturi zejda fl-arlogg ma jistghux isiru. Jekk bi zball jew per necessita' dan isir allura dawk il-membri li jkollhom pancjauri zejda ghandhom jiddikjaraw dawn il-pancjaturi qabel ma jinfetah l-arlogg.

11.7) Kull membru jista jaghmel uzu minn arlogg wiehed biss matul it-tigrija.

11.8) Jekk xi arlogg imur hazin waqt it-tigrija u l-membru jinduna b'dan qabel ma jasal il-hamiem, hu jista jippancja ghand haddiehor. L-istess jista jaghmel jekk l-arlogg jieqaf qabel ma jasal il-hamiem. Fiz-zewg kazi l-arlogg ghandu jingieb il-klabb dak in-nhar stess u ghandu jkun ghadu ssigillat.

11.9) Arlogg li jieqaf wara li jkun gie ssettjat, jista jerga jigi ssetjat jekk il-membru jinduna b'dan sa nofs siegha wara li jkunu saru l-arloggi l-ohra.

11.10) L-arloggi ghandhom jigu registrati mal-federazzjoni.

11.12) L-arloggi Skymaster u l-puncturing clocks ma humiex accettati mill-federazzjoni. Junior antiki ma jistghux jidhlu aktar minnhom.

11.13) Dawk l-arloggi li l-fabbrika tohrog xi aggustament fihom iridu jigu aggustati qabel ma jigu wzati.

11.14) Kull arlogg ghandu jimmarka kemm fil-ftuh kif ukoll fl-eghluq tieghu.

11.15) Arloggi li jitellghu l-klabb bis-sigill maqtugh ghandhom jerghu jaghmlu t-tests qabel ma jerghu jigu wzati wara li tinghata spjegazzjoni lil klabb. Dan it-test ghandu jintbaghat lil federazzjoni.

11.16) Kemm fil-pancjatura ta' filghodu kif ukoll ta' filghaxija jrid isir locking punching.

## 12.00 RESPONSABBILITA TAT-TILQIM

12.01) Kull membru huwa responsabbli li jlaqqam il-hamiem tieghu kontra l-Paramyxo Virus. Il-formoli tat-tilqim iridu jaslu ghand il-federazzjoni tliet gimghat qabel ma jinstaq il-hamiem.

12.02) Jekk jinstab xi membru ma jkunx laqqam il-hamiem tieghu kontra l-Paramyxo Virus , jigi sospiz ghal bqija ta' l-istagun. L-istess jigrilu dak il-membru li jiffirma bhala xhud minghajr ma jkun cert li l-hamiem hu verament ilaqqam.

12.03) Il-federazzjoni zzomm id-dritt li tiehu xi demm minn xi hamiem li taghzel hi biex tassigura li l-hamiem verament gie mlaqqam.

12.04) Kull kabb hu ressponsabbli li l-hamiem li l-membri jsuqu huwa verament taghhom.

12.05) Il-hamiem huwa ta min ikollu ic-Certificate of property tac-curkett.

12.06) Membru jista' jzid sa' 10 hamimiet fill-lista tat tilqim waqt l-istagun

## 13.00 VARJAZZJONI

13.01 Kull arlogg ma ghandux ivarja izjed minn sekonda kull siegha, biex de mil-varjazzjoni normali. Jekk xi arlogg ivarja aktar min dan il-hinstipulat il-varjazzjoni tinhadem hekk:
a) Meta l-arlogg imur il-quddiem aktar milli suppost allura l-hin jibqa kif ikun fuq l-arlogg.
b) Meta l-arlogg imur lura iktar milli suppost, jizdiedlu l-hin kollu li jkun mar lura u l-varjazzjoni normali sal-pancjatura tal-hamiema.

## 14.00 THIMBLES – RUBBER RINGS

14.01 Kull thimble ghandu jkollu rubber ring wiehed biss. Thimbles b'aktar minn rubber ring wiehed jigu skwalifikati.

14.02) Thimbles b'parti wahda miftuha ghandhom jintefghu wicchom l-isfel meta jigu ppancjati.Ir-rubber rings ma ghandux jidher barra t-thimble.

14.03)Ghat-tigrijiet minn Catanzaro l–fuq il-hamiem ghandu jitlibbes zewg rubber rings.

## 15.00 IL-KUMISSJONI TAR-RELEASE

15.01) Il-kummissjon tar-release tkun kompsta minn mhux anqas minn hames releasers li jintaghzlu mill-board tal-federazzjoni wara sejha ghal-applikazzjoni tal-membri.

15.02) Jekk f'xi tellieqa jew tlielaq ma jkunx hemm ir-releasers kollha min minnhom ikun prezenti ghandu jiehu r-rapport tat-temp u d-decizjoni tat-tluq issir mir-releasers jew releaser li jkun hemm prezenti.

15.03) Fi tigrijiet minn Metapunto il-fuq jekk il-hamiem jasal sa 2000 u l-ghada t-temp jippermetti il-hamiem ghandu jintelaq

## 16.00 TRASFERIMENT TA' HAMIEM

16.01) Hamiem misjuq ma jistax jigi trasferit bejn zewg membri fuq l-istess bejt

16.02) Membri li jkunu miktuba ma klabb u jkunu bdew jsuqu ma klabb, ma jkunux jistghu jittrasferrixxu l-hamiem ma l-ebda klabb iehor qabel ma jispicca l-istagun

## 17.00 AGGREGATES

16.01) Is-Short Distance Aggregate ghandha tinghata jekk ikunu saru tliet kwarti mittlielaq ipprogrammati fl-istagun

16.02) Is-Short Distance Best Bird ghandha tinghata jekk ikunu saru tliet kwarti mittlielaq ipprogrammati fl-istagun

16.03) Il-Long Distance Aggregate ghandha tinghata jekk ikunu saru erba tigrijiet twal li wahda minnhom tkun Metapunto

16.04) Il-Long Distance Best Bird ghandha tinghata jekk ikunu saru erba tigrijiet twal li wahda minnhom tkun Metapunto

16.05) Il-Overall Best Bird ghandha tinghata billi jinghaddu l-punti tal Long Distance u Short Distance flimkien.

16.06) L-Overall Aggregate ghandha tinghata billi jinghaddu l-punti tax-Short Distance u Long Distance flimkien.

## 18.00 Qari ta' L-Arloggi

Jekk ikun hemm dubju f'xi qari ta xi pancjatri id-decizjoni jehodha l-board wara konsultazjoni mal-clock setters tal-federazzjoni.

## 19.00 Kundizzoni Fizika

19.01)Hamiem li ma jkunx f'kundizzjoni fizika tajba ghandu jigi rrifjutat milli jigi ibbaskitjat

19.02)Hamiem li jkollu xi mankament f'sieqũ bhal qtugh ta xi sebgha jew swaba qtuh tal-kuxinett tas-sieq li jindikaw li l-hamiem gie mlibbes curkett tard ma jithallewx jidhlu ghat-tigrija.

## 20.00 Certifikati

19.01)

| | |
|---|---|
| POZZALLO / BELVEDERE | 150 POST BIL PUNT + 20 Punt Bazi |
| MESSINA / REGGIO CALABRIA | 150 POST BIL PUNT + 25 Punt Bazi |
| CATANZARO/SANTA EUFEMIA | 150 POST BIL PUNT + 30 Punt Bazi |
| METAPUNTO | 150 POST BIL PUNT + 35 Punt Bazi |
| BARI | 150 POST BIL PUNT + 40 Punt Bazi |
| MANFREDONIA | 150 POST BIL PUNT + 50 Punt Bazi |

## 21.00 PROBLEMI

Kull problema li tinqala u li ma tkunx koperta minn dawn ir-regolamenti tat-tigrijiet ghandhom jigu evalwati mill-board u d-dcizjoni mehuda tkun finali.

## 22.00 RIZULTATI

Ir-rizultati ghandhom jaslu fil-kwartieri tal-federazzjoni sa mhux aktar tard minn 24 siegha wara li taghlaq it-tigrija

Il-klabbijiet ghandhom jirrispettaw il-hin tal-pancjaturi mposti mill-federazzjoni.

## 23.00 SECTIONS

23.01  Is-sections ghandhom ikunu tlieta, Section A, Section B u Section C.SectionC tkun riservata esklussivament ghal dawk il-klabbs li jsuqu bis-sistema tal-velocity filwaqt li l-klabbs l-ohra jigu mqassma skond il-lokalita tal-membri taghhom. Membru jista jkun qed isuq individwalment f'Section A u l-klabb tieghu ikun f'Section B , madankollu l-punti li hu jakkwista xorta jmorru ma' tal-klabb tieghu anke jekk il-klabb tieghu ikun f'Section B u vice versa.

23.02 Membri li-klabb taghhom ma jhaddanx is-sistema tal-velocit ma jistawx jikkompetu f'Section C

## 24.00 PREMIJIET

PREMIJIET
Il-premijiet ghandhom ikunu hekk kif imsemmi hawn taht:

**FUQ LIVELL TA' FANCIER**

Premijiet tigrija : 1-10 f'kull section

Overall Section : 1-6 f'kull section

Overall fancier 1-10 ibbazat fuq ir-rizultat first in the clock fuq bazi ta' Malta kollha u Ghawdex flimkien

Best Bird Short Distance Federation

Best Bird Long Distance Federation

Best Bird Overall Federation

**FUQ LIVELL TA' KLABB**

CHAMPION SECTION A/B/C

CHAMPION CLUB OVERALL mehud mir-rizultat first in the clock fuq bazi ta' Malta kollha u Ghawdex flimkien

## 25.00 SISTEMA ETS

25.01) Dawk il-membri li jsuqu bis-sistema ta' L-ETS iridu jirregistraw ic-crieket mal-klabbtaghhom u l-federation qabel il-basketting tat-tigrija in partikolari. Matul l-istagun hu possibli li membru jzid aktar crieket imma kopja tal-print out trid dejjem tintbaghat lis-segretarju tat-tigrijiet tal-federazzjoni.

25.02) Mhuwiex permess li il-hamiem jinzel ghal-basketting minghajr ic-chip rings f'saqajh. Ic-chip rings ghandhom jintlibs mill-membru lil hamiem qabel ma dan jasal fil-premises tal-klabb.

25.03) Il-membru ghandu jnehhi kull gojjellerija bhal crieket u arlogg qabel ma jibda jibbaskittja.

25.04)Il-master timer ghandu jkun mqabbad mas-sistema il-hin kollu kemm fil-baketting kif ukoll fir-ritorn tal-hamiem. Mhuwiex permess li jsir manual setting tas-sistema.

25.05) Kopja tal-basketting sheet ta' kull membru li jsuq bis-sistema ta' L-ETS ghandha tintbaghat lil federazzjoni.

25.06) Kopja ta' kull punching sheet ghandha tintbaghat lil federazzjoni mar-rizultat ta' kull klabb

25.07) Il-plates kollha li jkollu kull membru ghandhom ikunu irregistrati mal-klabbs indiviwali kif ukoll mal-federazzjoni.

25.08) Il-plaes kollha ghandhom ikunu issigillati b'tali mod li dawn ma jkunux jistghu jinqalu u jintmissu waqt it-tigrije. Hi r-responsabillita tal-klabbs individwali li jassikuraw ruhom li l-plates huma ssiggilati kif suppost.

25.09) Il-plates ghandhom ikunu that il-mijni fil-kaz ta' trappers u mill-linja tal-gallinar il-gewwa fil-kaz ta open door. Mhux permess li xi had ikollu plates li jkunu differenti minn dawn is-sistemi u hi r-responsabilita tal-klabbs li jaraw li l-plates tal-membri individwali huma skond dan ir-regolament.

25.10) Hamiema jista jkollha chip ring wiehed biss abbinat maghha ghal stagun partikolari. F'kaz li hamiema tirritorna minn tigrija minghajr chip ring, ikun jista jsirilha iehor basta l-antik jithassar mis-sistema kompjuterizzata tal-klabb u l-federazzjoni innotifikata.

25.11)Fit-tigrijiet minn Catanzaro/St. Eufemia l-fuq il-hamiem li ikun qed jikkompeti bis-sistema ta' L-ETS ghandu jintlibislu rubber ring fuq ic-curkett tal-metal. Jekk jinqala xi problema bis-sistema ta' L-ETS waqt it-tigrija hu permess li membru jmur jippancja ghadn membru iehor li jsuq bis-sistema normali. Ir rubber ring mhux ippancjat irid jitnizzel il-club bhala security check

25.12) L-ebda membru ma jista jsuq b'izjed minn sistema wahda f'tigrija partikolari.

25.13)Rigward is-sitt sekondi ta' l-arloggi il-godda il-federazzjoni ghandha tiehu in konsedarazzjoni il-membri li ghandhom l-ETS viz a vis in-numru totali kompetitivi. Jekk in-numru ta' membri bis-sistema ta'ETS jaqbez il-50% tal-membri kompetitivi is-sitt sekondi jispiccaw

25.14)Il module tal-membri li jsuqu bis-sistema ta' l-ETS gewwa klabbs b'zewg antenni ghandhom jinqraw kemm fil-basketting kif ukoll fir-release fl-istess antenna

25.15)Fit-tigrijiet fejn il-places fil-klabbs ma jaghlqux on day il-membri m'humiex obbligati li jnizzlu l-modules on day gewwa l-klabb

## 26.00 PROGRAMMAZZJONI

26.01) Tigrijiet minn Metapunto 'l fuq ghandhom isiru wara li ddur is-siegha

26.02) Il-Federazzjoni tilqa programmi tat-tigrijiet mill-klabbs affiljati sa mhux aktar tard mit- 30 ta' Gunju. Il-Kunsill izomm id-dritt li johrog ghall-vot tal-klabbs program li jkun imfassal minn bord apposta

26.03) Il-Kunsill izomm id-dritt li wara parir mill-bord tar-releasers, u wara li jara li jkun se jaghmel maltemp f'tigrijiet twal, ikun jista jibdel dawn it-tigrijiet ma ohrajn minn distanzi iqsar

26.04) Il-Kunsill izomm id-dritt li jikkunsidra jekk igibx il-hamiem lura wara 5 t'ijiem ta' "hold over"

26.05) Ir-race time ghat-tigrijiet ghandu jkun is-segwenti

**Pozzallo, Belvedere. Messina** sa c-checking punch u mhux aktar minn dakinhar tat-tluq tal-hamiem

**Catanzaro/ St, Eufemia** sa massimu tac-checking punch ta' l-ghada li jintelaq il-hamiem anke jekk ma jigi xejn on-day

**Taranto/Metapunto/ Bari/Brindisi u Manfredonia** sa l-ghada fic-checking punch jekk jirritorna xi hamiem on day, jekk le sa massimu ta' three day race u t-tigrija dejjem taghlaq mal-locking punch deciz mill-board tal-federazzjoni.

## 27.00 ANTIDOPING

27.01 ) Ma jkunx permess li l-hamiem jinghata sustanzi projibiti hekk kif mahrug mill-board tal-federazzjoni fuq lista li tkun inharget mill-Board mondjali tat-tigrijiet tal-hamiem. Tali lista tigi aggornata qabel kull bidu ta’ l-istagun agonsitiku. Membri li jinqabdu jiksru dan ir-regolament jinghataw warning l-ewwel darba imbaghad jinkorru fi skwalifika